**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**
***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 31 TA' JANNAR, 2002**

**Numru: 11**

**Avviz Nru: 1654/01 AE**

**Harrison & Company (Malta) Limited**

**vs**

**Vassallo Properties Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' erbgha u sebghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm74.75), hlas ghal servizzi rezi in konnessjoni ma' laboratory testing u servizzi ohra affini u relatati ma' l-istess.

Ra li s-socjeta konvenuta debitament notifikata ma pprezentatx risposta fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret fis-seduti tal-25 ta' Jannar 2002 u dik tal-lum.

Semgha lill-avukat Dr. Charmaine Zammit tikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li sal-lum l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas is-somma ta' erbgha u sebghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm74.75) kif fuq spjegat, bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez kollha (ghat-tenur ta' l-Artikolu 13 tal-Kap. 380) huma kollha ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**